# EDITH U L-HALLIEL



# storja miktuba ghat-tfal minn..........

## ...........FRANCES HODGSON BURNETT.

### Fil-qosor:

Edith taghmel azzjoni erojka halli ma tinkwetax lil ommha.

L-imgieba ta' Edith trattab il-qalb ta' halliel. X'jigri meta Edith tiltaqa' wicc imb wicc mal-halliel? Aqra l-istorja :



## Kapitlu 1 – Halliel jidhol fid-dar ta' Edith

Edith kienet tifla zghira kemmxejn misthija; ma kellha x'taqsam xejn ma' tfal l-ohra ta' l-istess eta' taghha. Qatt ma kienet tilghab jew tigri mat-tfal shabha; kienet maqtugha ghaliha wahedha u la kellha hutha subien u anqas bniet. Madanakollu ma kienitx xi tifla ghazziena. Hinha kienet tqattghu mal-kotba ghaliex taghhom biss kienet habibha. Tghallmet taqra minn mindu kienet ghadha ta' eta' zghira u forsi din kienet wahda mir-ragunijiet ghala kienet habiha tal-kotba. Missierha kien kittieb tal-kotba u xoghlu kien editur ta' gazzetta. Wiehed, allura, jista' jahseb kemm kellu librerija kbira u vasta ta' kotba fejn Edith kienet timrah ghal-sighat kbar matul jum. Kienet tghix gewwa Londra; ommha kienet ghadha zaghzugha u hafna minn hinha kienet tqattghu fil-hanut ta' l-ilbies tipprova tbiegh kemm tista' lill-klienti taghha. Missierha wkoll kien ikun nieqes mid-dar minhabba n-natura tax-xoghol tieghu u l-kuratrici kienet tmur biss filghodu biex tiehu hsiebha u tara l-bzonnijiet taghha. Minhabba f'hekk kellha hin bizzejjed li mhux biss taqra dak li jikteb missierha, izda ukoll l-gazzetti.

Kienet thobb hafna l-gazzetti, ghaliex fihom hija kienet issib grajjiet kurjuzi. Stejjer, per ezempju, ta' hwejjeg li kienu jsehhu kuljum fil-qalba ta' Londra imma qatt fl-inhawi fejn kienet tghix. Bis-sahha tal-gazzetti sabet li kien hemm nies li jghixu billi jidhlu fi djar haddiehor u jgorru dak kollu li jghogobhom u qrat li dawn in-nies kienu jsejhulhom hallelin. Meta bdiet taqra fuqhom, dawn l-ahbarijiet impressjonawha. Kienet saret tibza' tmur wahedha fil-kamra tas-sodda taghha bil-lejl u fuq kollox kienet thoss ghal dawn il-hallelin.

"Nissoponi li hadd qatt ma ghallem lil dawn kif jghixu hajja ahjar," hasbet Edith.

Infatti tant hasbet fuq dawn l-hallelin li ghodwa wahda ghamlet xi mistoqsijiet lil missierha waqt li t-tnejn kienu qed jiehdu l-kolazzjoni.

Hu kien qed jiekol l-hobz u jaqra' fl-istess hin meta Edith staqsietu: "Papa, x'tahseb inti fuq il-hallelin bhala klassi ta' nies?"

Missierha qabez 'l quddiem fuq is-siggu, tefa' harsa fissa lejha u wegibha: " EH, il-hallelin bhala klassi ! Ta' min jibza' minnhom binti. Ommok fejn qieghda? "

"Rieqda ghadha, papa. Ahjar ma nqajmuhiex ghalissa, " qalet Edith. " Il-festin li ghalih marret dam biex spicca u jidher li ghajjiet hafna.  Meta kont niezla ghall-kolazzjoni ttawwaltilha biex nara qamitx izda kienet ghadha rieqda. U issa xi tghidli fuq il-hallelin?"

"Jekk trid risposta, hija din – huma nies ta' qattani, nies bla qalb ta' min jibza' minnhom u joqghod 'l boghod minnhom."

"Allura ma hemmx hallelin tajba, missier," staqsietu Edith.

"Binti, il-hazin huwa dejjem hazin u qatt ma jista' jkun fih tajjeb. Il-hallelin huma klassi ta' nies hziena, bla qalb u ta' karattru bla principju." Ghal Edith dawn il-kliem kienu kliem li ma fehemitx u qaghdet tahseb fis-skiet.

"Papa, Miss Lane, il-kuratrici tieghi, l-bierah kellmitni fuq xi tfal fqar li qatt ma tghallmu xejn; la Franciz u anqas muzika; u bil-kemm kemm kienu jafu jiktbu u qaltli li dawn it-tfal huma hekk ghax l-fortuna ma dahqitilhomx anzi tathom fuq wicchom. Forsi l-hallelin ghaddew minn dawn il-hwejjeg huma ukoll u l-hajja sawwtithom u li kieku ma kienx hekk dawn ma kienux ikunu hallelin."

"Edith," wegibha missierha," il-lezzjonijiet tal-Franciz u l-muzika huma ikel ghal mohh, jerfghuh 'l fuq." U bid-dahqa fuq fommu qalilha:" U inti kemm ghandek snin?"

“Sebgha,” wegbitu Edith.” Sebgha u ser naghlaq tmienja.”

Missierha ha nifs ‘l gewwa.

“Ejja ‘l hawn, pupa tieghi,” qalilha missierha filwaqt li gibidha minn idejha. Qamet mis-siggu taghha u resqet hdejh, pogga idejh fuq ghonqha u wissiha: “Toqghodx thabbel rasek mill-hallelin, Edith.”

“Kieku jiena nipprova, imma jidhirli li hemm xi wiehed tajjeb fost il-hallelin kollha hziena u jiddispjacini ghall-hallelin l-ohra hziena. Ara joqghodu l-lejl kollu mqajmin u kultant fix-xita u ma jarawx kif jistghu jikkoregu ruhhom.”



Lil ommha kienet thobbha hafna u kienet tiehu hsiebha bil-mod zghir li kienet tista’ u tifhem. Dejjem zammet il-kwiet biex thalliha rieqda kemm tixtieq; l-ghaxqa taghha kien li tnewlilha l-ilbiesi meta ommha titlobha. L-aktar li kienet tiehu pjacir meta kienet ixxarrab l-imkartar ta’ ommha bil-fwejjah.

Ghodwa wahda,  semghet lill-qaddejja tghid lil ommha : “Kemm hi grazzja kbira li ma gewx hawn.!”

 “Min, Janet?,” staqsiet Edith.

“Il-hallelin, sinjurina,” wiegbet il-qaddejja, “dahlu fid-dar numru tmintax, il-lejl li ghadda u hadulhom il-fidda kollha u l-gojellerija tas-Sinjura,”kompliet bl-ahbar il-qaddejja.

“Jekk il-hallelin jirnexxelhom jidhlu hawnhekk”, qalet omm Edith, ”nittama li hadd minna ma jismaghhom, ghalkemm qalbi tinqasam li johduli hwejgi. Li kieku kelli nqum bil-lejl u nara ma wicci halliel, nahseb li joqtolni. Zgur li nwerzaq bil-biza’ u ma nafx x’jasal biex jaghmel. U jekk qatt xi darba thabbat wiccek ma xi wiehed f’darna,” wissiet omm Edith lill-qaddejja u lil bintha, “ qatt tghajjat jew taghmel xi hoss. Ahjar li jisirqulek kollox milli joqtluk ghax twerzaq.”

Edith baqghet impressjonata hafna b’dak il-kliem ta’ ommha u qaltilha: ” Ma, jiena ma ser inhalli lil hadd jahqrek jew ibezzghek.  Nemmen li nista’ nippereswadihom biex ma jaghmlulekx hekk. Ghandi nifhem li anke halliel ghandu mohh biex jirraguna.”



Ommha dahqet u l-innocenza tat-tifla taghha nessietha dak il-biza’ kollu li hakimha, hekk li ftit mumenti wara bdiet tkanta dak li kienet semghet f’opera fit-teatru. Min qatt kellu jghidilha li dik il-lejla

stess Edith kellha thabbat wiccha ma' halliel.

Ftit qabel nofsinhar, missier Edith, wasal f'taxi id-dar u b'girja wahda tela' fuq hdejn martu li kienet bilqieghda fil-kamra ta' l-istudju. "Katie, ghaziza tieghi, jehtiegli li mmur Glasgow bit-train tal-hamsa u irrid nitfa' xi hwejjeg fil-bagalja u nitlaq mill-ewwel."

"Oh Francis," wiegbet l-omm, " ma tantx qed niehu pjacir li ser thallini wahdi wara dak li sehh ghand il-familja Norris."

"Il-qaddejja qeghdin hawn," qalilha zewgha," u zgur li Edith tiehu hsiebek, Mhux hekk, Edith? Edith interessata fil-hallelin", spicca jghidilha zewgha bid-dahqa.

"Jiena zgura li Edith  taghmel dak li hu possibbli u aktar mill-qaddejja. It-tlett qaddejja jorqdu fil-kamra ta' fuq tad-dar meta inti tkun barra u anke jekk iqumu, kull ma jaghmlu hu li jwerzqu."

"Edith zgur li ma twerzaqx," assiguraha Francis," Edith taghmel xi haga erojka. Inhallik f'idejha."

Missier Edith kien qed jiccajta meta qal dan il-kliem, imma Edith ma qisitx dak li qal bhala cajta; kienet thoss ir-responsabilta' li ommha hija taht il-kura taghha u dik kienet haga serja.



Tant hasbet fuqha din il-haga li waqt l-ikla

ma lissnet ebda kelma u tant kienet kwieta li ommha qaltilha: " Ghaziza Edith x'inti tahseb? Kemm tidher serja?"

"Qed nahseb fik, ma," wegbitha bintha.

Ommha tbissmet u hasbet kemm kellha bint li taf thobb. Resqet lejha u bisitha.

Meta wasal filghaxija, Edith marret fil-kamra ta' ommha ghaliex hi kellha torqod hemm. "Kuntenta li ghandi lilek bhala wens," qalitliha ommha. " Kont niddejjaq norqod wahdi f'din il-kamra kbira."
Ma tantx damet ma raqdet wara li dahlet fis-sodda. U Edith tatha harsa qabel ma hi ghalqet ghajnejha wkoll biex torqod.

Wara ftit tal-hin it-tifla stembhet. Dik il-lejla naghasha kien hafif. Minn quddiem ghajnejha ghaddew bosta hsibijiet fuq missierha; kemm ibati biex izomm il-familja ferhana u komda, kemm qed jithabat biex jipprova jorqod fuq it-train, kemm kien jaqralha stejjer qabel ma torqod....imma mohha kien iffissat fuq il-hallelin.

Dahlet mill-gdid fin-nghas meta ftit wara, hoss ta' xi haga qajjimha minn nghasa hafifa. Kien hoss zghir hafna, izda stramb ghal dawk il-hinijiet li bhalu qatt ma kienet semghet. Ippruvat tahseb x'seta' kien u fl-ahhar gieha l-hsieb li forsi kien xi hadd qed jawwar is-serratura b'xi hadida.